KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

Id-Disa' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 1

Laqgħa tal-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju, 2024, fil-5.30p.m.

PREŻENTI:

Christian Sammut
Jean Carl Agius Ciscaldi
Aymen Grech Pace
Vincent Bonello
Antoine Vassallo
Maria Baldacchino
Mario Calleja
Maria Mallia (online)

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Carmen Borg

Il-laqgħa infetħet mill-aktar kunsillier anzjan, is-Sur Vince Bonello. Huwa beda billi ippropona lis-Sur Christian Sammut bħala Sindku, fejn huwa aċċeta.

**01.02 Ħatra tas-Sindku u l-Viċi Sindku**

01.02.01 Preżenti għal din is-seduta kien hemm ukoll il-kummissarju tal-ġuramenti Dr Ian Micallef.

01.02.02 Il-kummissarju tal-ġuramenti qara il-ġurament tas-sindku fejn dak xi maħluf u iffirmat minn Christian Sammut, Sindku tal-Ħamrun

01.02.03 Is-Sindku Christian Sammut, ippropona lis-Sur Aymen Grech Pace bħala Viċi-Sindku, fejn huwa aċċetta.

01.02.04 Il-kummissarju tal-ġuramenti qara l-ġurament tal-Viċi Sindku, fejn dan ġie maħluf u ffirmat minn Aymen Grech Pace, il-Viċi Sindku tal-Ħamrun.

**01.03 Dekasteri.**

01.03.01 Is-Sindku beda billi għamel id-diskors tiegħu fejn huwa qal li għalkemm kien kull kunsillier se jkollu d-dekasteru u r-responsibilitajiet tiegħu, huwa mportanti li l-ħidma tkun waħda ta' tim biex flimkien naħdmu għal ġid tal-lokal.

01.03.02 Is-Sindku beda billi ħabbar ir-responsabiltajiet tiegħu u sussegwentement tal-kumplament tal-kunsilliera hekk kif elenkat :

**Sindku** - Proġetti Kbar u Infrastruttura, Negozji, Għaqdiet, u Sigurtà
**Viċi Sindku** - Indafa, Infurzar Ambjentali u
**Jean Carl Agius Ciscaldi** – Żgħażagħ, Komunitajiet, Sports u Attivitajiet Fiżiċi fil-lokalita;
**Vince Bonello** - Entitajiet governattivi, Procurement, Qasam Soċjali, u Korrdinatur mas-Sindku mad-dipartimenti tal-gvern u Reġjun.
**Maria Mallia** – Ġemellaġġi, Ambjent – Urban Greening
**Carmen Borg** – Kultura, Anzjanità, Edukazzjoni
**Dr Antoine Vassallo** - MEPA ippjanar, Fondi Ewropej
**Mario Calleja** - Ħarsien tal-annimali, Periferiji u integrazzjoni, Servizzi
**Maria Baldacchino** - Persuni b'diżabilità, Innovazzjoni, Tfal.

01.03.03 Wara dan kien hemm diskussjoni libera bejn il-membri fejn saru xi klarifikazzjonijiet fejn jidħlu ċerti termini.

01.03.04 Is-Sindku nforma lill-kunsillieri li kull wieħed jista joħloq sotto kumitat, biex flimkien jaħdmu fuq id-dekasteru tagħhom. Però huwa qal li għandu jkun l-kunsillier li jwassal dak li jkun ġie diskuss waqt xi laqgħat u jkun il-kunsill li jkollu d-deċiżjoni finali. Fuq dan il-punt is-sindku ħeġġeġ lil-kunsilliera biex għal-laqgħa li jmiss iġibu lista tal-membri tas-sotto kumitat. Wara din id-diskussjoni dawn ir-responsabiltajiet ġew approvati b'mod unanimu.

01.04 Pjan ta' ħidma

01.04.01 Din il-parti tal-laqgħa bdiet billi għamel diskors qasir is-sindku, fejn qal li huwa mportanti li flimkien nagħmlu pjan ta' ħidma. Huwa qal li ż-żewġ partiti kellhom proposti interessanti u issa wasal il-waqt li naħdmu fuqhom flimkien. Importanti li naħdmu dejjem flimkien u għal ġid tal-lokal tagħna.

01.04.02 Is-sindku nforma lill-kunsilliera li fil-laqgħa li jmiss se jkunu qed jiġu diskussa dawk l-issues li huwa mportanti li nsibu deċiżjoni għalihom. Huwa qal ukoll li huwa bħala persuna iħobb li jinħolqu ideat ġodda u nnovattivi, għalhekk huwa mportanti li bħala kunsill noħolqu u naqsmu l-affarijiet flimkien. Huwa saħaq li huwa mportanti li niġu b'ideat.

01.04.03 Is-Sindku nforma lill-kunsilleri li hemm xi proġetti li għandhom pendenti mill-leġiżlatura ta' qabel. Dawn huma :
Ir-Roof Garden. Dawn huwa proġett ta' €1.2m. Proġett li huwa ambizzjuż immens u li se jkun qed iwassal għall-akbar spazju miftuħ fil-Ħamrun. Il-Kunsillier Dr Antione Vassallo staqsa minfejn ġejjin il-fondi għal dan il-proġett, fejn is-sindku ikkonferma li dawn ġejjin minn fondi pubbliċi u fondi tal-kunsill.

01.04.04 Is-Sinku nforma ukoll li hemm proġett ieħor li għaddej ix-xogħol fuqu li huwa dak tar-Rabbat. Permezz ta' dan il-proġett se jkun qed isiru xogħlijiet fil-partijiet il-ħodor.

01.04.05 Is-Sinku informa lill-kunsillieri li tkun idea sabiħa jekk nibdew nikkunsidraw li jsiru attivitajiet tal-massa darba fix-xahar, fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Huwa saħaq li t-toroq għandhom ikunu għan-nies.

01.04.06 Is-Sindku informa lill-kunsillieri li meta kienu qed isiru xi xogħolijiet fit-toroq instabu xi xelters. Huwa qal li se tkun qed issir ħidma fuqhom biex jitranġaw u eventwalment jinfetħu għall-pubbliku.

01.04.07 Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill joħroġ rivista li titqassam mal-lokal tagħna. Huwa qal li huwa mportanti li kulħadd jikteb fuqu.

**01.05 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti.**

01.05.01 Rigward ir-Roof Garden, ingħata aġġornament aktar kmieni

01.05.02 Il-fanali fi Triq il-Kbira twaħħlu u ninsabu fil-proċess li jibdew jinxtelu.

01.05.03 Rigward it-tarmak li kellu jsir quddiem spiżerija jidher illi sar, filwaqt li fuq dak ta' triq il-kbira San Ġużepp għadhom qed isiru xi testijiet.

01.05.04 Il-Ħamrun Cultural Hub inferaħ, pero huwa mportanti li nkunu aktar organizzati fejn jidħol fil-wirjiet u l-ħidma fiħ. Is-Sindku mill-ġdid fakkar lill-kunsillier Dr Antoine Vassallo biex tiġi ffinalizzata il-by-law tal-propjetajiet tal-Kunsill.

01.05.05 Fuq dan il-punt, kien hemm diskussjoni biex isiru linji gwida li wieħed irid jimxi magħhom meta jagħmel wirja fil-Ħamrun Cultural Hub.

01.05.06 Ix-xogħol fi Triq Ġużè Maria Camilleri tlesta però baqa' xi imperfezzjonijiet żgħar u jridu jitwaħħlu xi siġar.

01.05.07 Rigward il-parkeġġ, fuq iż-żewġ skejjel (tal-Liċew u dik ta' ex Maria Assumpta), il-kunsill għadu qed jistenna xi dettalji tal-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ u l-aċċessibilita.

01.05.08 Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera bejn il-kunsilliera. Wara dan, l-kunsill qabel li jkun hemm ħinijiet stipulati u kif ukoll reġistrazzjoni biex wieħed jipparkja f'dawn il-parkeġġi. Il-ħinijiet huma mill-4pm sal-10.30pm u mill-10.30pm sas-6.30pm, bil-permess biss. Kunsill qabel u approva.

01.05.09 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li x-xogħlijiet fuq il-blokok tal-gvern għaddej b'ritmu tajjeb.

01.05.10 Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera, fejn il-Viċi Sindku qal li hemm xi kwistjonijiet relatati ma' block J. Pero fuq dan il-punt is-sindku ikkonferma li fuq housing hemm policies fejn dawn jistaw jerġaw jiġu rraġati mill-ġdid wara 5 snin. Fuq dan il-punt saret diskussjoni libera.

01.05.11 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li d-dokumenti li kellhom jiġu indorsjati mill-kunsill għall-iskola tal-liceo intbatu.

01.05.12 Fuq il-kwistjoni tal-ħruq tan-nar fl-okkażjoni tal-festa tal-Immakulata kunċizzjoni saret diskussjoni libera bejn il-kunsilliera. Il-kunsilleri Jean Carl Agius Ciscaldi ssuġerixxi li darba oħra nitkellmu magħhom ferm qabel u l-ideali il-kunsill imur bi proposta lesta ta kif għandu jsir ix-xogħol. Il-kunsill qabel.

**01.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

01.06.01 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera rigward l-importanza li nimxu mal-protokoll, kemm f'każ ta' ilbies u kemm il-mistiedna li f'waqtiet ikunu mistiedna għall-attivitajiet fejn il-Kunsill ikun mistieden. Huwa mportanti li dawn nimxu magħhhom.

01.06.02 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kien hemm talba biex l-għada tal-festa ta' San Gejtanu l-uffiċju ma jiftaħx. Jekk dan jiġi approvat issiru l-arranġamenti meħtieġa. Il-Kunsill approva.

01.06.03 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li se jkunu qed jibdew il-permessi għall-barijiet għall-festa ta' San Gejtanu. Huwa ippreżenta ukoll ir-reġoli li l-individwi jridu jimxu maggħhom.

01.06.04 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li irċivejna ittra fejn persuna qed jallega li ħabba xi ħsarat fit-toroq dan faqa il-tyre tal-karozza tiegħu. Il-kunsill approva li jingħata nofs l-ispiża.

01.06.05 Is-Sindku fakkar ukoll li huwa mportanti li l-kunsilliera jiċċekkjaw regolarment l-email tagħhom għall-diversi komunikazzjonijiet li jibgħat is-Segretarju Eżekuttiv b'mod regolari.

**01.07 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

01.07.01 Il-Kunsillier Mario Calleja staqsa jekk il-kunsill għandux xi tip ta' dejn. Is-sindku wieġeb li id-dejn li hemm huwa fuq il-binja tal-kunsill stess li din tammonta għal madwar €300K.

01.07.02 Il-Viċi sindku qal li hija ħaġa tassew tajba li jibdew isiru aktar attivitajiet fi triq il-kbira San Ġużepp. Huwa ssuġġerixxa li għandha ssir xi ħaġa relatata ma' San Patrizju. Fuq dan il-punt, il-Kunsillier Mario Calleja qal li mportanti li naraw x'se jkun għaddej dak iż-żmien għalfatt li jkun qrib il-festi tal-Ġimgħa Mqadds. Il-Kunsill qabel.

01.07.03 Saret diskussjoni fejn jidħol l-iskart, ħabba li qed tkun problema persistenti. Fuq din kien hemm diskussjoni libera, pero is-Sindku qal ukoll li f'dawn il-kwistjonijiet mhux dejjem għandhom jiġu rriferuti għall-pulizija, għalfatt li dawn urew ix-xewqa li ma jibqawx iffukati fuq l-iskart.

01.07.04 Il-Kunsillier Dr Antoine Vassallo, talab li kull kunsillier ikollu lista tad-dekastari tal-membri l-oħra. Is-Segretarja se tagħti kopja fil-laqgħa li jmiss.

01.07.05 Qamet ukoll diskussjoni fejn jekk għandux ikun hemm Whatsapp group bejn il-kunsilliera. Dan għandu jkun biss biex jiġu mfarrka xi attivitajiet u kwistjonijiet ta' natura urgenti.

01.07.06 Il-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi, kompla fuq li qal is-sindku fejn issa għandna ninsew il-kuluri politiċi u naħdmu bil-qalb għall-lokal tagħna.

01.07.07 Il-Kunsillier Mario Callejja qal li jinsab verament kuntent li huwa parti mill-kunsill u anke mir-responsibilitajiet li ingħata.

01.07.08 Huwa qal ukoll li kien hemm xi individwi li qalulu jekk hux possibli li jkun hawn residential parkings fil-Ħamrun. Fuq dan il-punt is-sindku qallu li din trid tiġi diskussa f'laqgħa apposta.

**01.08 Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

01.08.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 06-2024 ġiet approvata.
Proposta mill-Kunsillier Vince Bonello u sekondat mill-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi

01.09 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Ikkonfermata, illum 25 ta' Lulju, 2024 fil-5.30pm

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv